**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. RACHEL MONTEBELLO B.A., LL.D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Scicluna**
**Spettur Mario Sciberras**
**Spettur Stacey Gatt**
**Vs**
**Nathan Micallef**

**Kumpilazzjoni numru 705/2021**

**Illum 2 ta' Dicembru 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba **Nathan Micallef** ta' 23 sena bin Jesmond Micallef u Charlene Tanti nee' Tanti, imwieled il-Pieta nhar it-8 ta' Settembru 1998, minghajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 341898M, akkuzat talli;

1. Nhar il-5 ta' Novembru 2021 ghall-habta ta' 17:15hrs gewwa Triq Alexander, Hamrun volontarjament ta' nar lil bieb ta' residenza bi numru 15 St. Paul Triq Alexander, Hamrun ghad-detriment ta' Karl Lewis Fiott minn Hamrun u/jew ta' persuni ohra, filwaqt li ma kien hemm ebda persuna gewwa l-istess residenza, u b'mod li ma setax jqabbad hruq, f'bini iehor, gharris, jew lok iehor;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara volontarja fuq bieb ta'

residenza 15. St. Paul Triq Alexander, Hamrun, li ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) ghad-dannu ta' Karl Lewis Fiott mill-Hamrun u/jew persuni ohra;

3. Aktar talli kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation hekk kif moghtija nhar is-17 ta' Settembru 2020 mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D, liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti hija gentailment mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, hekk kif mahsub f'artikolu 533 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Karl Lewis Fiott.

Semghet lill-imputat waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2021, jirregistra ammissjoni u jiddikjara li huwa hati tal-akkuza migjuba kontrih;

Rat illi hija wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u sospendiet fattwalment is-seduta biex tatu zmien jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu.

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu wara li ddikjara li ma ghandux bzonn iktar hin biex jirrikonsidra din l-ammissjoni jew biex jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu s-serjeta` ta' u l-piena erogabbli ghar-reat li jinsab mixli bih;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semgħet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation u r-rapport ta' qabel is-sentenza minnu esebit fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2021;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2021 ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet td-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati dwarhom.

Għall-fini tal-piena li għandha tiġi erogata fuq dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati li jinsab mixli bihom, partikolarment ir-reat taħt l-Artikolu 317 tal-Kodiċi Kriminali. Effettivament jirriżulta illi l-imputat ta in-nar lill-bieb tar-residenza ta' ċertu Karl Lewis Fiott, liema persuna huwa kien għamel żmien jgħix miegħu qabel. Il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll il-fatt illi mir-rapport ta' qabel is-sentenza u x-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation jirriżulta li l-imputat għandu problema akuta ta' dipendenza fuq id-droga sintetika li jidher li saret inkontrollabbli tant illi spiċċa bla saqaf fuq rasu u mingħajr kuntatt ta' ommu. Spiċċa wkoll jiġi rikoverat fl-Isptar Monte Karmeli minħabba l-problemi psikjatriċi marbutin mal-abbuż tad-droga sintetika u jeħtieġ jingħata trattament psikjatriku b'mod mandatorju.

Jirriżulta wkoll li l-imputat għalkemm kien tqiegħed taħt Ordni ta' Probation ma kienx qed juri l-motivazzjoni neċessarja biex jindirizza l-problemi li ġew riskontrati fil-qasam tal-akkomodazzjoni u l-problema tad-dipendenza fuq id-droga u lanqas fejn jidħlu l-problemi familjari. Dan kollu fil-fehma tal-Uffiċjal tal-Probation, ifisser li l-

imputat "*għandu jaħdem fuq diversi sitwazzjonijiet sabiex dan ikun jista' jagħmel kambjamenti għall-aħjar f'ħajtu kif ukoll inaqqas ic-cans li jerga' jaghmel reat iehor. Dawn is-sitwazzjonjiet huwa sitwazzjoni ta' residenza, sitwazzjoni m'ommu kif ukoll l-abbuż tad-droga sintetika.*"

Fl-istess waqt il-Qorti rat ukoll li l-fedina penali tal-imputata mhuwiex wieħed oneruż u l-fatt li jirrizulta illi l-imputat ammetta minnufih li huwa kien l-awtur tar-reat u kko-opera mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom dwar il-każ. Qieset ukoll illi jissussisti konkorrenza formali ta' reati u pieni bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni b'dan illi l-imputat għandu jingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi li huwa dak addebitat fl-ewwel akkuża taħt l-Artikolu 318 tal-Kap. 9 li għalih fiċ-ċirkostanzi, hemm piena ta' priġunerija minima ta' sentejn.

Fl-isfond ta' dawn ic-cikostanzi kollha magħduda, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat għandu jingħata piena karċerarja effettiva iżda fil-minimum.

Kwantu ghat-tielet imputazzjoni li huwa wettaq dawn ir-reati waqt il-perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation impost fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta fis-17 ta' Settembru 2020, il-Qorti fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tal-ħtija da parti tal-imputat ukoll għal dan l-addebitu, ma tistax ħlief tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446 u tittratta lill-imputat għar-reati li dwarhom tpoġġa taħt Ordni ta' Probation. Dawn ir-reati jirriżultaw mill-fedina penali tal-imputat (Dok. JS1) li juri li huwa kien ġie misjub ħati għar-reat taħt l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap. 9 u r-reati taħt l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 kif ukoll ta' reati kontravvenzjonali.

**Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 17, 318 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni qiegħda ssib lil NATHAN MICALLEF ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija effettiva u kwantu għat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 17, 325(1)(c), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta'**

**Malta qieghda tittratta lill-istess NATHAN MICALLEF għar-reati li dwarhom tqiegħed taħt l-Ordni ta' Probation li ngħata fis-17 ta' Settembru 2020, billi tikkundannah xahar priġunerija u multa ta' mitt Euro (€100).**

**B'kollox għalhekk ħamsa u għoxrin (25) xahar priġunerija effettiva.**

**Għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati NATHAN MICALLEF sabiex jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan għal perijodu ta' tliet (3) snin, taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment, bil-ħtiega speċifika illi l-ħati jagħmel dik il-kura, inkluż jekk meħtieġ, f'istituzzjonijiet residenzjali, waqt il-perijodu operattiv tal-ordni bil-ghan li jinħeles mill-vizzju tad-droga.**

**Billi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz tqis li huwa mehtieg u spedjenti biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Karl Lewis Fiott minn agir tal-ħati, qieghda b'zieda mal-piena, tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess NATHAN MICALLEF a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn liema terminu għandu jibda jiddekorri minn meta tiġi skontata l-piena u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digrieti moghtija kontestwalment.**

**Tordna wkoll lil NATHAN MICALLEF sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti dik is-somma li tiġi talvolta stabbilita in linea ta' spejjeż u drittijiet dovuti lill-esperti li ġew maħturin fl-istadju tal-proces-verbal tal-Inkjesta u dan għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iżda billi l-proces-vebal għadu mhux magħluq ir-Registratur tal-Qorti qed jigi ordnat li minnufih jidderigi lill-esperti biex ma jkomplux bl-inkarigu taghhom u jigbor minghand il-ħati dak l-ammont li jigi stabbilit għax-xoghol li l-esperti jkun laħqu wettqu.**

**Għal dan il-fini qiegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur Servizzi Probation and Parole, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lir-Registratur tal-Qorti filwaqt li għall-fini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna li l-atti flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Generali fi żmien sitt ijiem tal-xoghol.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO (ft)**
**MAGISTRAT.**